MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 103/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Bonnici)**
**Vs**

**Leone Agius**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Jannar, 2005, ghall-habta tal-10.30 a.m. f'Naxxar Road, Limiti tan-Naxxar, saq vettura nru. EAL-827 ta' ghamla "Ford Cortina" :**
**1) minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-"seat belt";**
**2) saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);**

**3) saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**
**4) saq l-imsemmija vettura nru. EAL-827 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;**
**5) b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**
**6) saq l-imsemmija vettura u ghamel uzu minn licenzja ta' vettura ohra partikolari mahruga fuq vettura nru. HAA-231 ta' vettura ta' ghamla "Morris Marina";**
**7) ta l-partikolarijiet tieghu foloz meta kienu mitluba lilu mill-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijietu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 t'April, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) Kap. 65, l-artikoli 18, 31 u 34 AL 128/94, AL 129/95, l-artikolu 3 Kap. 104 u 338(g) Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' LM1100 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien hmistax il-jum.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 t'April, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar ghal kollox is-sentenza appellata u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena pero', fil-kaz li dina l-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma l-imsemmija precitata sentenza in parte jew in toto, talab umilment li l-appellant jinghata zmien adekwat biex ikun jista jhallas kwalunkwe multa li l-Qorti jkun joghgobha talvolta tinfliggi fuq l-appellant.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' li la darba l-akkuza ssemmi li l-appellant inqabad jikser il-ligi go Naxxar Road, limiti tan-Naxxar u mhux got-Triq tal-Ibragg kif fil-fatt kien, hu ghandu jwiegeb biss ghal tali allegazzjoni u xejn aktar u ghalhekk kellu jigi liberat. Illi dwar il-piena l-appellant huwa ta' eta' tenera hafna w kien ghadu kif**

**ghalaq tmintax il-sena gimghatejn qabel l-incident u ghandu kondotta netta w illum ghadu qed ifittex ix-xoghol u dizokkupat.**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda ta'** PS 587 Joseph Mallia **jirrizulta li fl-4 ta' Jannar, 2005 ghall-habta tal-10.30 am, hu kien fit-Triq tal-Balal, fejn il-Mekek li ghalih hija maghrufa bhala Naxxar Road. Ra vettura gejja mit-Triq tal-Ibragg lejn l-inkrocju w ix-xufier, kif ra l-Pulizija, waqaf u pparkja, fejn il-hanut tal-Mekek xi tul ta' tlitt karozzi 'l gewwa mill-inkrocju ma Naxxar Road. Meta mar fuq l-appellant sab li dan la kellu licenzja tas-sewqan, la licenzja tal-karoza w lanqas insurance. Dak il-hin ma tahx il-*"particulars*" sew ghax qallu li kien jismu "LIONE" flok "LEONE" , ghalkemm kunjomu tahulu tajjeb. Kien qallu wkoll li ma jafx meta twieled.**

**Mix-xhieda ta'** Brian Farrugia, **rapprezentant tal-Licencing Office, rrizulta li l–vettura li kien isuq l-appellant cioe' numru EAL 827, Ford Cortina li kienet registrata fuq James Agius minn San Giljan, kellha l-licenzja li skadiet f' Mejju, 2004. Din umbaghad giet imhallsa biss fis-16 ta' Frar, 2005, biex tkopri l-periodu mill-1 ta' Gunju, 2004 sal-31 ta' Mejju, 2005. L-appellant Leone Agius bl-identity card numru 22687 M u li twieled fis-16 ta' Dicembru, 1986 m' ghandux licenzja tas-sewqan.**

**Ikkonsidrat ;**

**Li l-abbli difensur tal-appellant iddikjara li kien qed jillimita l-kontestazzjoni tieghu dwar il-mertu fuq il-fatt li l-fatti graw go Triq l-Ibragg u mhux go Naxxar Road. Issa Triq l-Ibragg ma jidhirx li hu l-isem ufficjali tat-triq li kien gej minnha l-appellant . Din tizbokka fl-inkrocju ma Triq tal-Balal (li hi l-kontinwazzjoni ta' Naxxar Road u Vjal ir-Rihan u din hija t-triq li taghti minn San Gwann ghan-Naxxar), fil-post imsejjah Tal-Balal, fejn hemm hanut tax-xorb li jismu "Mekek Bar". Jidher li l-Pulizija kien proprju fl-inkrocju w meta l-appellant li kien gej minn-naha tal-Ibragg , lemah lil Pulizija, huwa waqaf bhallikieku kien ser jipparkja u dan ghal ragunijiet ovvji f' dan il-kaz. Hu gie waqaf tlitt tulijiet ta' karozza il-gewwa mill-inkrocju ma Tal-Balal Road. Illi preciz 'l isfel mill-inkrocju lejn San Gwann , jibdew il-limiti ta' San Gwann kif anki jidher mit-tabella tal-Kunsill Lokali li hemm fl-inkrocju. Jidher li mill-inkrocju 'l fuq Triq tal-Balal tigi fil-limiti tan-Naxxart. Peress li teknikament hu kien ghadu ma dahalx got-Triq Tal-Balal li mill-inkrocju taghti ghan-Naxxar izda kien ghadu got-triq li taghti ghal Tal-Ibragg, l-appellant qed jargumenta li l-akkuzi ma jirrizultawx.**

**Issa proprjament it-triq li minn San Gwann taghti ghan-Naxxar hija maghrufa bhala It-Triq tal-Balal u mhux Naxxar Road, ghalkemm hija prolungazzjoni ta' Naxxar Road u Vjal ir-Rihan, San Gwann. Illi s-sentenza appellata rrepetiet l-akkuza kif redatta fil-komparixxi** ***verbatim*** **u sabet il-htija riskontrata fl-imputazzjonijiet kollha.**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Martin Brincat**" [30.4.2003] fejn gie konsidrat aggravju simili u fejn ma gietx indikata bi precizjoni it-triq fejn gara l-kaz, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien**

**qed jigi akkuzat. F' dik il-kawza l-aggravju kien gie respint ghaliex – bhal f' dan il-kaz - non si trattava ta' xi belt jew rahal b' xi ramifikazzjoni kapillari tat-toroq, pjazez jew sqaqien li setghu talvolta joholqu xi dubju dwar fejn seta gara l-incident li kien qed jigi akkuzat bih l-appellant. Kien intqal ukoll f' dik is-sentenza li konsidrat il-fatt li - bhal f' dan il-kaz - l-appellant kien gie imwaqqaf minn ufficjal pubbliku li kellmu dak il-hin, aktar u aktar l-appellant ma kellux fejn jitfixkel dwar fejn suppost gara l-fatt li kien qed jigi akkuzat bih.**

**Issa fil-kaz in ezami l-appellant kien proprju wasal biex jidhol got-Triq tal-Balal li hija l-unika triq li taghti ghan-Naxxar u dan ma ghamlux ghax ra lil Pulizija tat-Traffic fl-inkrocju w allura kien pront waqaf tlitt tulijiet ta' karozza 'l gewwa minn dit-triq li taghti ghan-Naxxar, fejn minnufieh kellmu PS Mallia. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li anki f' dan il-kaz , bhal fil-kaz appena citat , l-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt u li l-indikazzjoni impreciza tal-isem tat-triq zgur li b' ebda mod ma setghet tinduci lill-appellant dwar x' hiex kien qed jigi akkuzat u dwar liema incident kien qed jiddefendi ruhu f'dan il-kaz. Lanqas ma hemm xi difett fis-sentenza ghax ma gietx indikata bi precizjoni t-triq fejn gara l-kaz ghax dan mhux rikjest mil-ligi w hemm dettalji bizzejjed ta' hin u lok li ma jhallu ebda dubju f' mohh l-appellant ta' x' hiex kien gie akkuzat u ta' x' xhiex instab hati. Konsegwentement l-aggravju dwar il-mertu qed jigi respint.**

**Illi dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "Ir**-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**Illi l-Ewwel Qorti mponiet piena komplessiva ta' LM1100 u skwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal**

**zmien hmistax. Jibda biex jintqal li dwar l-iskwalifika l-Ewwel Qorti zgur li zbaljat favur l-appellant ghaliex skond l-artikolu 3 (2A) tal-Kap.104, il-periodu tal-iskwalifika kellu jkun ta' tnax il-xahar u ma setax ikun inqas. Imma dwar dan ma sarx appell mill-Avukat Generali w din il-Qorti ma tistax tiddisturba din il-parti tas-sentenza appellata la ma sarx appell dwarha.**

**Issa ghar-reati imsemmija taht it-tielet u l-hames imputazzjoni skond l-artikolu 3 (1)(2) tal-Kap.104 fil-kaz anki tal-ewwel reat kif inhu f' dan il-kaz, il-ligi tippreskrivi multa ta' mhux inqas minn elf lira (LM1000) jew prigunerija ta' mhux izjed minn tlitt xhur jew il-multa w prigunerija flimkien. Skond l-artikolu 3 (2B) umbaghad il-ligi tghid li l-artikolu 21 tal-Kap.9 u d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ta' Hatjin ma japplikawx fil-kaz ta' xi reat kontra l-artikolu 3 tal-Kap.104. Ghalhekk ghal dawn iz-zewg reati – anki jekk jitqies li hemm il-konkors formali jew ideali bejnithom u li wiehed irid jigi assorbit fl-iehor ghall-fini ta' piena, diga <u>hemm piena minima tassattiva ta' LM1000 multa</u>. L-ewwel, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet igibu l-piena kontravvenzjonali ta' massimu ta' ammenda ta' LM25 jew piena ta' detenzjoni ghal zmien xaharejn, kull wahda. It-tieni u r-raba reati jgibu piena ta' multa ta' mhux izjed minn mitt lira (LM100) jew ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur. Ghalhekk anki bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (f) dwar il-konkors tal-pieni, il-multa komplessiva erogata mill-ewwel Qorti – bhala ammont - kienet tkun entro l-parametri legali.**

**Teknikament u legalment pero', trattandosi ta' konkors bejn reati suggetti ghall-piena tal-multa u ohrajn suggetti ghall-piena tal-ammenda, jidher opportun li ssir distinzjoni bejn il-pieni rispettivi fis-sentenza appellata ghar-rispettivi reati li taghhom l-appellant instab hati.**
**Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-appell, pero' ghall-precizjoni qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier taghha hlief ghar-rigward tal-piena pekunjarja erogata, b' dana li minnflok il-piena komplessiva ta' elf u mitt lira**

**(LM1100) multa, qed tikkundanna lill-appellant ghall-multa minima ta' elf lira Maltin (LM1000) fuq it-tielet u l-hames imputazzjoni, hamsa w tletin lira (LM35) multa fuq it-tieni imputazzjoni; hamsa w tletin lira (LM35) multa fuq ir-raba imputazzjoni w ghaxar liri (LM10) ammenda fuq kull wahda mill-ewwel, is-sitt u s-seba imputazzjoni, b' kollox elf u mitt lira Maltin (LM1100). Tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-appell u tordna li din il-piena pekunjarja tithallas b'rati mensili ta' LM 50 il-wahda, l-ewwel skadenza fil-31 ta' Lulju, 2005 b'dan li jekk l-appellant jonqos li jhallas xi rata wahda jew parti minnha puntwalment, l-ammont bilancjali ssir ezigibbli minnufih, u jekk ma jithallas, ikun konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------